MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 865/2013

PULIZIJA

**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**

**VS**

**GIUSEPPE ZAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 608262 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar it-12 ta` Awissu, 2013, gewwa Birkirakara u gewwa dawn il-Gzejjer bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Abigail Muscat minn Dingli kontra l-volonta` taghha;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta` Abigail Muscat minn Dingli.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra mill-tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` Abigail Muscat.
Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

**Il-Qorti ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti inkluz il-fedina penali netta tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali;

Innotat l-iskuza tal-istess imputat ghall-incident u li ipprometta li ma jkunx hemm repetizzjoni kif ukoll li obbliga ruhu li ma jdejjaqx jew jimmolesta jew ikellem lill-parte civile, Abigail Muscat;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-obbligazzjonijiet volontarjament assunti mill-istess imputat;

Wara li rat l-Artikoli 86 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------